MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 78/2010/1

**Edmond Espedito Mugliett**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu provvediment dwar it-talba li saret mill-appellant permezz tal-avukat tieghu fis-seduta quddiem din il-Qorti tas-7 ta’ Novembru 2011 li biha rrekuza lill-Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia u lill-Onor. Imhallef Giannino Caruana

Demajo a tenur tal-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Ir-ragunijiet migjuba ghar-rekuzi msemmija huma li l-Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia kien parti mill-Qorti tal-Appell li kkonfermat is-sentenza ta' detenzjoni filwaqt li l-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo kien ta sentenza fil-Prim' Awla fit-2 ta' Gunju 2006 li n-nuqqas ta' osservanza taghha tat bidu ghal din il-kawza.

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-Qorti hi tal-fehma li r-rekuza mitluba tal-Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia hija fondata tajjeb u ghalhekk ser tigi milqugha peress li huwa kien jifforma parti mill-Qorti tal-Appell li prronunzjat is-sentenza tas-6 ta' Dicembru 2010 li qed tigi impunjata bhala in vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea f'dawn il-proceduri.

Din il-Qorti, izda, ma hix tal-istess fehma rigward ir-rekuza tal-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo. Is-sentenza li ddecieda l-istess Imhallef kienet cahdet l-eccezzjonijet tal-konvenut, l-appellant ta' llum, u ordnat lill-istess konvenut irodd is-somma ta' erbghin elf u hames mitt lira (Lm40,500) flimkien ma' l-imghax fuqha minn dakinhar meta ngibdet sa dakinhar meta tintradd u bir-rata li tinghata fuq kontijiet *savings*, u ordnat ukoll illi din is-somma terga' titqieghed minnufih fil-kont bin-numru 115-0858402-0 mal-Bank of Valletta p.l.c. jew, jekk dak il-kont inghalaq, f'kont iehor f'isem il-konvenut u l-atturi bhala werrieta tan-Nutar John Patrick Hayman, b'dan illi l-flus ma ghandhomx jingibdu mill-kont fejn jitqieghdu jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet jew b'ordni tal-Qorti u kkundannat lill-konvenuti f'dik il-kawza jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

L-Imhallef Caruana Demajo ma ppartecipa b'ebda mod fid-deliberazzjonijiet tas-sentenzi li wasslu ghall-inkarcerazzjoni tal-appellant u li qieghdin jigu impunjati bhala anti-konvenzjonali f'dan l-appell. Is-sentenza msemmija li nghatat mill-Imhallef imsemmi ma hix qed tigi impunjata b'ebda mod f'dan l-appell u ma dahlet xejn fil-kwistjoni mertu tal-kawza li fiha sar l-appell odjern.

Ghalhekk ir-rekuza tieghu a tenur tal-Artikolu 734(1)(d)(ii) ma hix fondata tajjeb.

**Provvediment**

Ghaldaqstant, ghall-motivi premessi, din il-Qorti tilqa' t-talba ghar-rekuza tal-Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia izda tichadha in kwantu ghar-rekuza tal-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo.

L-ispejjez ta' dan l-incident jibqghu riservati ghall-gudizzju finali ta' din il-Qorti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------